MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Numru. 1079/2012

**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**
**VS**
**MOHAMMED KHALED**
**ZUHER ALKERT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Zuher Alkert ta’ 42 sena, bin Mohammed Alkert u Satih nee’ Kwahadi, mwieled Sirja fit- 8 ta’ Settembru 1970, residenti 70, Triq Abela, Santa Venera u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 5992127;

U

Mohammed Khaled ta’ 24 sena, bin Mohamed u Miriam, mwieled Sirja fil- 1 ta’ Ottubru 1988, residenti 1 ta’ Ottubru 1988, residenti 169, Triq San Gejtanu, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ 57691A;

Talli fl- 14 ta' Ottubru 2012 gewwa Hamrun ghall- habta tal- 10.10.pm f' dawn il- Gzejjer Maltin;

1. flimkien ma' numru ta' persuni ohra qajmu rewwixta jew glieda bil- hsieb li jaghmlu offiza fuq diversi persuni;

2. permezz ta' axi arma regulari jew irregulari, strument jew ghodda ohra, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli ghad- dannu ta' Joseph Muscat u/ jew ta' persuna/i ohra liema hsara ma texxedix €1164.69;

3. talli hadu parti attiva f' gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil- hsieb li jaghmlu reat, ukoll jekk din il- gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn hadd partikolari;

4. talli volontarjament kisru l- bon ordni jew il- kwiet pubbliku;

5. talli fl- sitess data, lok, hin u cirkostanzi waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin lejn it- twieqi u bibien ta' haddiehor;

6. talli hebbew kontra persuna/i sabiex jingurjawhom, idejquhom jew biex jaghmlulhom il- hsara;

7. talli ghamlu lil haddiehor ingurji jew theddid;

8. talli heddu bi kliem li jaghmlu offiz afuq il- persuna ta' Lourdes Kert u persuni ohra;

9. talli hebbew ghal Matilde Muscat u Lourdes Kert u kkagunawlhom griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat mit- tobba Dr L. Grech MD Reg 3489 u Dr A Bartolo MD Reg No 3013 rispettivament;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat il-verbal ta’ llum stess, fejn dehru l-parti leza assistiti mill-avukat difensur taghhom, u ddikkjaraw li qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati kollha, u talbu lill-Qorti sabiex ma jixhdux f’dawn il-proceduri, stante li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza;

Rat illi l-parti leza kienet thallset ta’ kull hsara li sofriet f’dan l-incident, u ghalhekk ma kellha ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-imputati;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 79, 325, 68(2), 338(dd), 339(1)(c), (d) u (e), 249, 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputati hatja tal- ewwel (1), it-tieni (2), it- tielet (3), ir- raba’ (4) u l- hames (5) akkuzi u ghaldaqstant tilliberahom.
Tiddikjara is- sitt (6), is- seba’ (7), it- tmien (8) u d- disa’ (9) akkuzi procediment ezawrit.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------